MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 885/2000/1

**E. GRECH CRISTAL BATH LTD.**
**Vs**
**GRECH'S LTD.**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma bilancjali ta' elf tlett mija u tmienja u disghin liri u tmienja u disghin centezmi (Lm 1,398.98) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' diversi oggetti u apparat tal-kmamar tal-banju kif jirrizulta mill-anness statement markat Dokument "A";**

**Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata s-socjeta konvenuta xorta baqghet inadempjenti;**

**Illi fil-fehma tas-socjeta attrici, dan id-dejn huwa veru, cert , likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta ma**

**ghandhiex eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta attrici;**

**Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta attrici tipprocedi kontra s-socjeta konvenuta bi procediment sommarju speciali kif provdut fl- artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif fil-fatt qeghdha taghmel.**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghanhiex dina l-Qorti:**

**1 Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u**

2 **Tikkundanna is-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tmienja u disghin liri u tmienja u disghin centezmi (Lm 1.398.98) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' diversi oggetti u apparat tal-kmamar tal-banju kif jirrizulta mill-anness statement Dokument A dovut mill-konvenut.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.**

**Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;**

**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------